MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Numru. 710/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**Darren Brincat**

Kumpilazzjoni Nru: 710/2010

Illum, 13 ta’ Lulju, 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Darren Brincat, ta’ 30 sena, iben Rosario u Emanuela nee’ Mercieca, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Novembru, 1979 u residenti fil-fond ‘My Dream’ Triq Bellic, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru: 521079M

Akkuzat talli nhar fid-9 ta' Lulju, 2010 ghall-habta ta' l-10:15am, fl-Ghadira limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta' zewg basktijiet kontenenti diversi oggetti fosthom zewg mobile phones u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Marica Attard u Leanne Azzopardi.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f' Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c), 267, 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum meta fil-waqt li l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu, l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda kemm xejn refrettarja. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-kollaborazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------